Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D.

Appell Nru: 316/2018

Il-Pulizija
Spettur Norbert Ciappara

Vs

Christopher Schembri

Illum 12 ta' Dicembru 2018.

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Christopher Schembri detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 362782M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali:

Talli f'dawn il-Gzejjer fit-22 ta' Ottubru 2004 u matul l-ahhar erba' gimghat ta' qabel din id-data, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi, liema atti gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

a) Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga erojina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna jew

persuni minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta, u minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939), jew minn xi awtorita` moghtija mill-President ta' Malta, li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tas-sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija, u minghajr ma kellu licenzja jew kien xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-Regolamenti tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

b) Kellu fil-pussess tieghu d-droga erojina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

c) Irrenda ruhu komplici skont l-Artikolu 42 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, billi ta ordni lil haddiehor biex jaghmel delitt billi bhala persuna li mhuwiex ufficjal tal-habs jew persuna ohra impjegata fil-habs, minghajr awtorita` legittima dahhal jew ipprova jdahhal f'xi parti mill-konfini tal-Habs oggett (droga) ikun li jkun, li huwa projbit skond xi regolamenti maghmula skond l-

Att dwar il-Habs u dan bi ksur tal-Artikolu 7(1), (2) tal-Kap. 260 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tas-27 ta' Gunju, 2018, fejn il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i) u (ii) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolamenti 4 u 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, l-Artikoli 7(1) u (2) tal-Kap. 260 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikoli 17(h), 18, 42(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, sabet lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkundannatu ghal piena ta' **tnax-il (12) xahar prigunerija effettiva** u **multa ta' elf ewro (€1,000)** li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tista' tithallas mill-hati b'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin ewro (€50), bl-ewwel pagament isir fi zmien xahar mil-lum, b'dan illi jekk il-hati jonqos milli jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija skont il-ligi.

Il-Qorti ma kkundannatx lill-hati ghall-hlas tal-ispejjez konnessi mar-relazzjoni tal-espert l-Ispizjar Mario Mifsud ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, stante illi l-istess espert kien gie nominat fl-istadju tal-inkjesta relevanti ghal dan il-kaz u r-reati in kwistjoni sehhew qabel id-dhul fis-sehh tal-Att XIII tal-2005, li emenda l-imsemmi artikolu billi fost ohrajn gew inkluzi wkoll l-ispejjez konnessi mal-esperti li jkunu gew mahtura fl-istadju tal-process verbal tal-inkjesta.

Ordnat id-distruzzjoni tad-droga, esebita flimkien mar-relazzjoni tal-Ispizjar Mario Mifsud hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *proces-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Christopher Schembri, ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-10 ta' Lulju 2018, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha in kwantu l-htija misjuba u tirriformaha in kwantu l-piena inflitta mill-Ewwel Qorti u tinfliggi piena aktar idoneja u anqas harxa u li tirrispekkja l-kaz in ezami.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Christopher Schembri huma s-segwenti u cioe`:-

Illi l-aggravji huma manifestament cari fejn l-appellant kellu jinghata piena in segwitu tal-ammissjoni bikrija tieghu ferm anqas harxa milli dik moghtija u cioe` ta' tnax-il xahar prigunerija effettiva u 1,000 euro multa;

Kif jirrizulta mill-mori tal-process, l-appellant ammetta fl-istadju bikri tal-kawza; l-imputat mhux biss ammetta imma wkoll *l-ispettur Ciappara ivverbalizza u ddikjara quddiem il-Magistrat illi l-imputat kien jikkwalifika biex jibbenefika mill-provvediment tal-Art. 29 bid-dikjarazzjoni addebita!*

L-Art. 29 jipprovdi ghal-tnaqqis drastiku mill-minimu tal-piena provduta fil-Ligi li dwarha l-imputat ikun gie akkuzat dwarha. Dan stante illi fl-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi, kull min jikxef u jaghti informazzjoni lill-Pulizija b'liema informazzjoni jissolvew kazi ohra u jittresqu terzi l-Qorti, il-Legislatur ipprovda ghat-tnaqqis fil-piena provduta. Dan ghaliex kieku ma kienx hekk, min kien ser ikun imheggeg biex jikxef reati u persuni li jkunu responsabbli meta ma jgawdi xejn minn decizjoni mhux facli bhal din?

Gara illi, nonostante illi l-ufficjal prosekutur hekk iddikjara fl-awla, dan b'mankanza jew ommissjoni, naqas jew nesa illi jipproduci tali dokument imsemmi u cioe` illi l-imputat kien jibbenefika mill-Art. 29. Isegwi illi ommissjoni da parti mill-ispettur, ghandha timmina lill-imputat? X'tort kellu l-imputat jekk l-eks Spettur Ciappara naqas illi jipprezenta tali dikjarazzjoni quddiem l-ewwel Qorti? Certament, ir-risposta hija illi l-appellant ma kellu ebda tort.

L-appellant kieku sehh dak iddikjarat mill-ufficjal prosekutur kien jibbenefika minn tnaqqis ta' grad jew tnejn fil-piena kif ukoll il-multa inflitta (*vide* **Rep. ta' Malta vs Anna Spiteri**[1], citata wkoll fis-sentenza appellata).

Isegwi illi a fol 5 tas-sentenza appellata, l-Ewwel Onorabbli Qorti tistqarr illi ma rrizultax illi l-pulizija effettivament ressqet lil xi hadd il-Qorti anke jekk l-appellant ghenha kif iddikjara l-istess eks Ass. Kummissarju Ciappara.

Issa, wiehed irid iqis is-segwenti fatti: jekk il-Pulizija ghal xi raguni jew ohra, tiskarta milli tiehu passi kontra persuna indikata minn imputat, kif qatt jista' dan l-imputat ibati konsegwenza b'tali ommissjoni jew uzu tal-*unfettered discretion* li tgawdi l-Pulizija illi tiddeciedi hija stess min jitressaq jew le quddiem il-Qorti?! Kif ritenut fl-Appell **Rep. vs Serag Ben Abid**[2] *Appelli Superjuri*, irid ikun determinat illi l-informazzjoni moghtija minn imputat trid tkun iddikjarata bhala effettiva sabiex tinqabad terza/i persuna/i; issa jsegwi illi gjaladarba l-eks Ass. Kumm. Ciappara ddikjara illi l-appellant jibbenefika mill-art. 29, IZDA, b'ommissjoni u zvista jew minhabba xoghol aktar importanti li kellu ferm izjed gravi minn nofs gramma eroina, dan ma jfissirx illi l-appellant ibati l-konsegwenzi meta m'ghandu ebda tort tac-cirkostanzi fil-kaz;

L-appellant ma kienx recediv meta sehh il-kaz appellat. Izda, filwaqt illi l-Ewwel Qorti anke jekk il-kawza (mhux tort tal-Qorti kif preseduta fis-sentenza) damet erbatax-il sena biex giet deciza, filwaqt illi rreferiet ghal aggornament tal-fedina penali tal-istess esponent, naqset illi tosserva illi l-appellant ma kienx assistit minn avukat jew ikkonsulta avukat fl-istadju tal-interrogazzjoni qabel inhargu l-akkuzi kontrih. Dan kontra diversi decizjonijiet mittiehda u addottati tassattivament mill-Qrati nostrani wara decizjonijiet fil-ECHR;

Illi anke l-Ufficjal tal-Probation xehdet illi l-appellant kien irnexxielu jsegwi programm b'success ta' riabilitazzjoni mill-vizzju tat-tehid tad-droga, (vide fol. 5 sentenza appellata), u anke permezz ta' tali dikjarazzjoni, l-appellant flimkien mal-

---

[1] Deciza nhar l-10 ta April 2014

[2] Deciz nhar l-4 ta Dicembru 2003

fatturi l-ohra kif rizultanti mill-process imsemmija qabel, kellu certament jibbenefika minn piena ferm anqas harxa milli dik fil-fatt inflitta.

Rat il-fedina penali tal-appellant esebita fl-atti u minn esami tal-istess jirrizulta li l-appellant ghandu tnax-il conviction registrat fuqha li lkoll gew registrati li sehhew mis-ena 2005 sas-sena 2107 u ghalhekk minkejja kif stqarr l-appellant stess dan il-kaz ilu ghaddej erbatax-il sena huwa baqa' ghaddej fit-triq ta' kriminalita. Ir-reati li taghhom instab hati huma ta' bixra differenti fosthom dawk konnssi ma pusess ta' droga, frodi, falsifikazzjoni, serq, ricettazzjoni, garr ta' arma tan-nar, pusess ta' munizjon u arma tan-nar, ingurji u ohrajn fejn inghata kundanni ta' multi, ammendi sentenzi sospizi, probations u prigunerija efettiva u cio' nonostante rega' qieghed quddiem di il-qorti b'akkuzi ohra wkoll ta' natura serja.

Semghet lill-partijeti jittrattaw l-appell u cioe id-difiza isostni li minkejja li rregistrat ammissjoni fi stadju bikri tal-proceduri, minkejja li ghenet lill-prosekuzjoni f'investigazzjonijiet fil-konfront ta' terzi persuni, minkejja li l-kaz jirrisali ghar-reat li sehh erbatax-il sena ilu, xorta inghata sentenza ta' prigunerija effettiva. L-Avukat Generali sotna fit-trattazzjoni tieghu li l-appellant ingahta piena lejn il-minimu taghha u l-fedina penali tieghu ma tawgurax tajjeb fir-rigward tat-tghalim li ha minn sentenzi ohrajn li inghataw fil-konfront tieghu u ghalhekk sostna li s-sentenza tal-ewwel Qorti ghandha tigi kkonfermata.

Ikkunsidrat,

Ili dan hu appell limitatament fuq kwisjtoni ta' piena fejn l-appellant qed issostni li l-piena inflitta kient wahda eccessiva fic-cirostanzi tal-kaz.

Illi huwa minnhu li fil-ġurisprudenza nostrana speċjalement dik reċenti, ġie stabbilit li huwa indesiderabbli li l-Qorti Superjuri tiddisturba d-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti, madanakollu tali diskrezzjoni trid tkun fundata fuq dispożizzjonijiet tal-liġi speċifiċi li jipprovdu l-bażi legali għad-diskrezzjoni applikata mill-Ewwel Qorti.

Infatti Fis-sentenza tal-każ **Il-Pulizija vs. Spiru Muscat**[3] din il-Qorti diversamebt preseduta sostniet is-segwenti:

*"Issa fit-termini tal-Ġurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati tagħna, meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuż appell minn piena sakemm din tkun tirrientra fil-limiti li tiprefiġġi l-liġi. Dan huwa hekk peress illi min jammetti jkun qiegħed jassumi ir-responsabbilita' tad-deċiżjoni li jkun ħa u jirrimetti ruħu għall kull deċiżjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista' tasal għaliha......M'huwiex normali pero li tiġi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk l-piena nflitta tkun tidħol fil-parametri tal-Liġi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun ingħatat"*

Din il-*forma mentis* tal-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali hija ukoll riflessa f'sentenzi oħra ta' l-istess Qorti fosthom **Il-Pulizija vs. Massimiliano Maurizio** [4], **Il-Pulizija vs. Jeremy James Farrugia** [5]u **Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina**[6]. Din il-ġurisprudenza ormai ben kristallizzata u aċċettata in linea ta' prinċipju fil-ġurisprudenza tagħna, tgħallimna illi l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell għandha tbiddel u tvarja l-piena inflitta minn l-Ewwel Onorabbli Qorti, fil-każijiet fejn dik il-piena ma tkunx pjenament imsejsa fuq dispożizzjonijiet tal-liġi. Dan il-prinċipju kien ġie ukoll kristallizzat fis-sentenza fil-każ **il-Pulizija vs. Joseph Attard**[7], fejn il-Qorti qalet li:

*"Il-Qorti tal-Appell rarament tbiddel il-piena li tkun imponiet l-ewwel Qorti. Dan taghmlu biss meta jkun manifestament evidenti li dik il-Qorti tkun imponiet xi piena mhux kontemplata mill-ligi ghar-reat in ezami, jew tkun xi piena harxa wisq jew sproporzjonata ghal dak li jkun ghamel il-hati, jew tkun xi piena mhux fil-parametri tal-ligi."*

---

[3] l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell presjeduta mill-Onorevoli Imħallef Dr. David Scicluna fil-15 ta' Frar 2012 (255/2011)

[4] Qorti ta' l-Appell Kriminali (Inferjuri) preseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono fit-13 ta' Novembru 2003.

[5] Qorti ta' l-Appell Kriminali, presjeduta mill- Imhallef Joseph Galea Debono fl-14 ta' Ottubru 2003 (155/2003).

[6] Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) mogħtija fl-24 t'April 2003 (numru 10/1994).

[7] Mogħtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali presjeduta mill-Imħallef Patrick Vella fis-26 ta' Jannar 2001

Kif qal **Lord Chief Justice Widgery** fil-kawza **R vs Cooper** (1969) (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza S2(1)(a) tal-Criminal Appeals Act 1968) "... *assuming there was no specific error in the conduct of the trial, an appeal Court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate), because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witness, whereas the Appeal Court normally determines the appeal on the basis of papers alone."*

Issa, f'dan l-kaz l-appellant, li ma kienx assistit minn avukat difensur quddiem l-ewwel Qorti, x'aktarx – kif jidher li qed jigri ta' spiss – bl-isperanza li l-ammissjoni bikrija tieghu twassal ghal sentenza leggera, iddecieda li jammetti minghajr ebda rizerva, anzi gie dikjarat li sahansitra ma kellux bzonn zmien biex jahsibha (fol. 6 ta' l-atti datati 4 ta' Frar, 2008). Imputat, jew akkuzat, specjalment meta jkun assistit, m'ghandux l-ewwel jammetti bl-addocc imbaghad, meta s-sentenza ma tkunx skond l-aspettattiva tieghu, jissolleva fl-appell prattikament l-istess kwistjonijiet li jkunu gew sollevati quddiem l-ewwel Qorti. Dan qed jinghad ghaliex ir-ragunijiet ghaliex l-apellant jistqarr li din il-Qorti ghandha tirrevedi l-piena nflitta huma l-istess ragunijiet li gew sollevati mill-ewwel Qorti fis-sentenza taghha.

Jirrizulta li l-appellant ibbaza l-appell tieghu fuq tlett aggravji u cioe' is-segwenti:-

1. L-ammissjoni bikrija tal-appellant u dan nhar l-4 ta Frar 2008 (fol. 6 tal -atti).
2. L-artikolu 29 tal-Kap 101 u dan ghaliex skond kif dikjarat mill-allura Spettur tal-pulizija Norbert Ciappara ghandu jibbenifika minnha.
3. Il-fatt li r-reat gie kommess f'Ottubru 2004, u cioe' erbatax-il sena ilu.
4. Il-fatt li mhux recidiv.

**L-ammissjoni bikrija tal-appellant**

Illi huwa minnu li l-appellant tressaq il-Qorti fl-4 ta Ottubru, 2006 akkuzat b'reat ta' traffikar u pusess tad-droga eroina li sehhet fit-22 ta' Ottubru, 2004 u fil-gimghat u xhur ta' qabel din id-data. Illi huwa minnu minn esami ta' dawn l-atti li l-ewwel seduta li inzammet kienet nhar l-4 ta' Frar 2004 fejn irregistra ammissjoni ghall-akkuzi kollha kif addebitati fil-konfront tieghu. Illi cio nonostatne pero' l-kawza ma

gietx deciza u l-Qorti baqghet tisma' l-provi imresqa mill-prosekuzjzoni u mid-difiza u fl-atti hemm verbal registrat fid-29 ta' Marzu, 2010 fejn il-kawza giet differita ghat-trattazzjoni pero' din ma saret qatt u fl-atti hemm verbal registrat fit-12 ta' Dicembru 2017 (fol. 94) fejn jidher li l-appellant mar ikellem l-avukat tieghu dwar il-kawza lejliet biss. Is-sentenza inghatat a bazi tal-ammissjoni tal-appellant regsitrat fl-atti ghaxar snin qabel. Fl-atti ma jidhirx li l-ewwel Qorti tablet ghal xi fedina penali updated tieghu.

Illi normalment meta akkuzat jammetti l-akkuzi dedotti kontrih fi stadju bikri tal-proceduri, il-Qorti tiehu dan il-fatt in konsiderazzjoni ghal dik li hi mitigazzjoni fil-piena. Jigi rilevat, izda, li din mhiex xi haga awtomatika fis-sens li mitigazzjoni fil-piena ghandha **bilfors** tinghata kull darba li hemm ammissjoni. Jekk tinghatax xi mitigazzjoni, jew kemm din ghandha tkun jekk il-Qorti tiddeciedi li timmitiga l-piena, din tibqa' **dejjem** fid-diskrezzjoni tal-Qorti wara li hi tikkonsidra dak kollu li jidhrilha li hu rilevanti u l-fattispecie ta' kull kaz quddiemha.

Ikkunsidrat il-fatt li r-reat ta' traffikar tad-droga Eroina, bil-mod kif kien sar mill-hati u cioe' li mar jixtri d-droga biex jghatiha lil terza persuna u cioe' Marouska biex din imbaghad tohodha lil prigunier li hemm il-habs. Jigifieri mhux talli hu stess ittraffika d-droga izda gieghel lil haddiehor jittrafika wkoll. Il-kaz partikolari huwa reat ferm serju w gravi. Il-hati hawnhekk ma kienx xi vittma tad-droga li jasal biex biegh xi ammonti relativament zghar biex jissodisfa l-vizzju tieghu izda ra kif ghamel biex ittenta jittrafika d-droga gewwa il-habs, li addirittura ghandu ikun post ta' rihbilitazzjoni u mhux post fejn tigi provduta d-droga.

L-attivita' tal-hati hija wahda ta' traffikar pur bi skop uniku u intenzjoni b'non-kuranza assoluta ghall-konsegwenzi dizastruzi, kultant anke fatali, li l-abbuz tad-droga iggib fis-socjeta'.

Jidher pero' li ghalkemm din il-Qorti m'hix tal-fehma li minhabba tali ammissjoni registrata snin ilu hija ghandha tnaqqas mill-piena inflitta. Jidher addirittura pero' li l-ewwel Qorti hadet in konsiderazzjoni il-fatt li l-appellant irregistra amissjoni

quddiemha u dan ghaliex stqarret "Ai fini ta piena, il-Qorti qed tiehu in konsiderazjoi min naha wahda l-ammissjoni bikrija tal-imputat f'dawn il-proceduri.

**L-applikazzjoni tal-artikolu 29 tal-Kap 101.**

Hawnhekk ukoll l-appellant jistqarr li dinil-Qorti ghandha tapplika l-provdiment 29 tal-Kap 101 u dan ghaliex kif stqarr l-allura spettur Norbert Ciappara l-akkuzat ghen fl-investigazzjoni billi stqarr fiz-zewg stqarrijiet li rrilaxxja l-provenjenza tad-droga. Pero' jirrizulta mix-xhieda ta' dan l-istess spettur moghtija nhar id-19 ta' Mejju 2008 (fol. 21) pero' imkien hemm imnizzel li effetivament l-appellant ghandu jibbenefika mill-artikolu 29 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**L-artikolu 29 tal-Kap 101** tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi s-segwenti:

*"Meta dwar persuna misjuba ħatja ta' reat kontra din l-Ordinanza, il-prosekuzzjoni tiddikjara fil-proċess li dik il-persunatkun għenet lill-Pulizija biex taqbad lill-persuna jew lill-persuni lijkunu pprovdewlha l-mediċina, jew il-persuna misjuba ħatja kifintqal qabel tipprova għas-sodisfazzjon tal-qorti li tkun hekkgħenet lill-Pulizija, il-piena titnaqqas, dwar priġunerija, bi gradwieħed jew tnejn, u dwar piena pekunjarja, b'terz jew b'nofs"*

Kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti pero' li biex akkuzat jjibbenifika minn tali riduzzjoni mhux bizzejjed li dak li jkun jkun semma il-persuna minghand min ikun xtara id-droga izda irid jirrizulta li b'dik l-informazzjoni l-akkuzat ikun ghen lill-pulizija sbaiex taqbad lil dik il-persuna. Sabiex l-artikolu 29 ikollu effett u jista' jigi applikat hemm bzonn li:-

1. Li l-akkuzat jew indagat ikun semma min ghandu min xtara id-droga u jghati id-dettalji dwar il-provvista.
2. Li a bazi ta din l-informazzjoni l-pulzija tkun tista' tinvestiga l-pesuna identifikata.
3. Li tali pesuna tkun giet imresqa l-Qorti u akkzuat bir-reat li gie skopert bl-ghajnuna tal-persuna li svelha.

Issa fil-kaz in desamina jirrizulta li fl-istqarrijiet li irrilaxja vera l-appellant sema xi ismijiet pero' ma jirrizultax li sar xejn aktar f'dan ir-rigward lanqas meta l-Ispettur

Norbert Ciappara xehed ma kkonferma li bl-ghajnuna tal-appellant inqabad xi persuna ohra midhla fil-prokurar tad-drogi.

Hawnhekk il-Qorti tabrbaccja is-sentenzi kwotati mill-ewwel Qorti f'dan ir-rigward u cioe **ir Republika ta Malta vs Anna Spiteri**[8], **Il Pulizija vs Sandro Mifsud**[9] u **Ir Repubblika ta Malta vs John Sultana**[10] u taqbel mar-ragunament taghha li l-appellant ma kelux ghalfejn jibbenefika mill-artikolu 29 tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Din il-Qorti ma tara ebda raguni ghaliex ghandha tiddisturba d-diskrezzjoni fdata esklussivament f'idejn l-ewwel Qorti li wara kollox mxiet b'reqqa u precizjoni qabel ma erogat b'responsabilita' il-piena mertu tal-appell odjern;

**Il-fatt li r-reat gie kommess f'Ottubru 2004, u cioe' erbatax-il sena ilu**

Illi l-ewwel Qorti ukoll ikkunsidrat dan l-aggravju fis-sentenza taghha u sostniet li *"huwa minnu li li l-kaz jirrisali ghas-sena 2004 u ghalkemm il-proekuzzjoni intavolat ic-citazzjoi odjerna fir-registru ta din il-Qorti f'ottubru 2006 u l-kawza bdiet tinstema fi Frar 2008, biss id dewmien f'dawn il-proceduri kien dovut fil-maggor parti tiehu ghall-imputat odjern kif jirrizult aampjament mill-atti processwali."*

Illi mill-atti jidher li l-prosekuzzjoni kient ghalqet il-provi taghha fil-11 ta' Mejju, 2009 (fol 43) u ghalhekk id-difiza damet disgha snin biex tressaq il-provi taghha jew addirittura biex tittratta il-kaz li baqghet ma ttratatx quddiem l-ewwel Qorti. L-ewwel Qorti akkordat tletin differiment ghal-provi tad-difiza. Dan il-fattur ghandu ikun fattur li semmai izid il-piena tal-appellant ghaliex bla dubbju ta' xejn ghen biex jahli il-hin prezzjuz tal-Qorti. M'huwiex accetabli li persuna titressaq il-Qorti titlob differiment wiehed wara l-iehor biex tressaq il- provi, ma tmurx tfittex l-ghajnuna tal-avukat taghha u wara tghid li il-kaz dam wisq qisu kien xi tort ta' delungar ta l-

8 Deciza mill-qorti Kriminali nhar it-l-10 ta PAril 2014

9 Deciza mill-qorti tal-Appellil Kriminali nhar it-2 ta Awwissu 1999

9 Deciza mill-qorti Kriminali nhar it-3 ta frar 2005

ewwel Qorti li f'dan il-kaz mhemmx dubbju li imxiet b'reqqa u professjonalita' tul l-proceduri kollha. Anzi din il-Qorti tazzarda tghid li l-ewwel Qorti kienet wisq pacenzjuza mal-appellant bl-isperanza li jaqbad it-triq it-tajba molto piú meta tqis dak li stqarr l-*ProbationOofficer* u xi nies bhal Connie Fenech (fol. 18) u Vicky Scicluna (fol. 43) li jahdmu mal-agenziji tar-riabilitazzjoni ta' kontra d-droga.

Din il-Qorti f'dan ir-rigward taghmel refernza ghal dak li intqal minn din il-Qorti fis-sede inferjuri taghha fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Nikola Farrugia et[11]** fejn intqal i-egwenti:-

*"Illi fil-fehma ta' din il-Qorti t-trapass taz-zmien jista' jagevola lill-persuna akkuzata ghall-fini ta' piena meta huwa juri li tul dak iz-zmien hu jkun zamm lura mill-ksur serju tal-ligijiet u wera certu impenn biex jirriforma. Il-bqija tkun ingustizzja li xi hadd jibbenefika minn tul ta' zmien zejjed fil-process specjalment jekk dak it-tul ikun in toto jew in parti kagunat jew provokat minnu stess - kif gara f'dan il-kaz - u dana a skapitu ta' dawk l-akkuzati li l-process taghhom jinqata' aktar malajr ghal raguni jew ghal ohra."*

Ghalhekk il-fat li l-kaz ilu li sehh mhux raguni ghaliex din il-Qorti ghandha tnaqqas il-piena inflitta.

**Il-fatt li mhux recidiv**

Illi huwa minnu li meta l-appellant tressaq il-Qorti dan kellu kondotta nadifa bl-ebda' tebgha jew kontravenzjoni registrata fuqha (fol. 5) pero' zgur li dan l-istatment ma jistax jinghad f'dan l-istadju kif gie rilevat aktar il fuq. Illum il-fedina penali tal-appellant qisha bibbja b'divesi reati kkuluriti. Donnu kemm dam il-Qorti l-appellant fuq din il-kawza zied id-doza teighu sabiex jibqa' fit-triq ta' kriminalita' u dan ghaliex gie kkundnnat ghal-kaz wiehed wara l-iehor. Ghalhekk it-trauma li kellha thalli fuqu procedura bhal din zgur li ma ghamlitx hekk.

L-ewwel Qorti ma sabitx lill-appellant hati talli hu recidiv pero' dan l-argument li ma kienx recidiv fil-mument meta huwa tressaq il-Qorti kien iregi li kieku l-appellant baqa' minghajr reati jew kontravenzjonijeit registrati fuq il-kondotta

[11] moghtija fit-2 ta' Ottubru 2002

tieghu u mhux donnu illawreja fil-kriminalita'. Din il-Qorti taf u tapprezza li f'dan il-kaz mhux recidiv pero' ma tistax tinjora l-antecedenti tieghu illum meta hija qed tigi mitluba tirriforma is-entena moghtija mill-ewwel Qorti.

Din il-Qorti qiset ukoll dak li stqarret il-Probation officer Joanna Farrugia meta xehdet f dawn l-atti u pprezentat ir-rapport taghha nhar id-29 ta' Marzu 2010 (fol. 48) meta qalet li l-appellant kien qed jirregistra progress tant li t-testijiet li kienu qed isiru fuq l-awrina tieghu taw rizulata negattiv ghal-presenza ta' droga. Cio' nonostatne minkejja li nghata l-ghajnuna kollha biex jindirizza l-problema ta' droga li huwa kellu, jidher li fis-sena 2013 l-appellant kien instb hati ta' pusses ta' droga Eroina u darba ohra fis-sena 2015 u darba ohra fis-sena 2017. Ghalhekk mhemmx dubju li l-appellant ma iridx jghin ruhu.

Taht dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti qieghda tichad l-appell tal-appellant, tikkonfema s-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti *in toto* kemm fir-rigward ta' htija kif ukoll fir-rigward tal-piena inflitta.

(ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur